**Minuti**

**Laqgha Tal-Kunsill Lokali Birkirkara**

**ID-DISGHA LEGISLATURA**

**Laqgħa numru 20**

**8 t'April 2025**

Il-Kunsill Lokali ta' Birkirkara ltaqa' fl-Ufficcju Amministrativ tiegħu li jinsab ġewwa iċ-ċentru Ċivku tieni sular, Triq Tumas Fenech Birkirkara fil-4.45 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

Desirei Grech - Kunsillier
Maurizio Gauci - Kunsillier
Kaylocke Buhagiar - Kunsillier
Rosette Cassar – Kunsillier
Alfred Attard - Kunsillier
Luke Vella - Kunsillier
Antoine Attard - Kunsillier
Marie Claire Zammit Bonello – Kunsillier
Yana Borg Debono Grech – Kunsillie
Jade England- Kunsillier
Stefano Sicari – Kunsillier
Karl Cutajar - Kunsillier

**Ufficjal Prezenti:**

Christine Jo Mansuto - Deputat Segretarju Ezekuttv

**Assenti b'apologija:**

Gilmour Borg – Kunsillier

**Nota:**
Is-Sur Stefano Sicari wasal għal-laqgha fil-16.52
Is-Sa Rosette Cassar waslet fil-17.02
Is-Sa Yana Borg Debono Grech waslet fil-17.10
Is-Sur Alfred Attard wasal fil- 17.25
Is-sur Karl Cutajar wasal fil- 17.32

**20.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

20.1.Is-sindku saqsiet jekk kienx hemm ittri t'apologija u id--deputat Segretarju irrispondiet li kien hemm waħda dik tas-sur Gilmour Borg.

**20.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti**

20.2.1 Is-Sindku staqsiet jekk kienx hemm xi kummenti fuq il minuti. Ma kienx hemm u għalhekk Is-Sur Maurizio Gauci ppropona u s-Sur Luke Vella ssekonda il-minuti bħala koretti.

20.2.2 Is-Sa Marie claire staqsiet li fil minuta 19.4.13 li tirrigwarda il-kirja ta' Ġnien Jhon Borg ma tniżżlitx iċ-ċifra ta' Out of Court settlment. Is-sindku Spjegat li dak il-ħin li ġiet diskussa l-Mikrofonu kien mitfi u il-kuntratt kien għadu mhux iffirmat. Meta jiġi iffirmat kopja tiegħu titqiegħed mal minuti bħala referenza taċ-ċifra.

**20.3 Arisings mill-Minuti**

20.3.1 Ma kien hemm xejn

**20.4 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

20.4.1 Mural Tal Wied. Is-Sindku informat lil dawk preżenti li kella kommunnikazzjoni mar-Regjun Lvant fejn qalulna li huma ser ikun qed jgħamlu tajjeb għall-ispejjes tal proġett u li l-Kunsill ser ikun qed jieħu ħsieb biss il-preparamenti tal ħajt biss. Ir-Reġjun għamlu ricerka fuq artisti li jgħamlu dan it-tip ta xogħol imma ma jsibu l-ebda problema jekk L-artist jkun mgħażul min Birkirkara u Tema hija Flow. Kaylocke qal li id-disinn ghandu jiġi preżentat qabel. Kien hemm qbil bejn dawk preżenti.

20.4.2 Is-segretarju Eżekuttiv talbet lis-sindku sabiex ikun hemm sospensjoni ta-Regolamenti sabiex l-Accountants jippreżentaw is-sena Finanzjarja 2024

**20,6 Sena Finanzjarja 2024**

**20.6.1** L-accountants ghaddew spjegazzjoni dettaljata dwar kif ingħalqet is-sena finanzjarja 2024. Hija qalet li Is-sena finanzjarja ingħalqet b'telf ta €74,000 U dan għaliex €70,000 minnhom huma l-ispiza tal kawża fil Qorti rigward l-inċident bir rota. Spjegat x'kienu id-dħul u l-ħruġu kif intefqu il-finanzi.

Is-sindku staqsiet Li hija innutat li sena ta 2023 kien hemm surplus ta madwar €80000 u issa għalaqna bit telf, jekk hemmx mod kif inkunu nafu fejn marru dawn il flus. L accountant wieġbet li wieħed ghandu jiċċekja account account. Wieħed minnho hu tal pagi tal haddiema li min sena ghall ohra kien hemm differenza Ta €30,000 da jirrifleti fuq xi overtime li seta żdied.

Is- Sur Antoine staqsa Claims fejn l-accountants spjegaw li dawn huma claims antiki li kienu fil financil statments tas-sena ta qabel. Ma hemx informazzjoni u lanqas provvisjoni fuqhom.

Is-sindku Fl-ahhar qalet li l-istampa finanzjarja hija ċara u għalkemm miex gravi irridu noqodu atteni kif ħa nużaw il finanzi anki sabiex ngħollu il financial status indicator li bħalissa qieghad -15%. Sa kemm ma nirċievux fondi min skemi il-kunsill ma jistax jgħamel spejjes żejda.

Rapport finanzjarju gie approvat min dawk prezenti. Is-sur maurizio approva u Is-Sa Marie Clair issekondat.

**20.4.3 Kontinwazzjoni tal komunikat tas-sindku. Talba Għajnuna Għaqda San Ġużwpp Ħaddiem**.Is-sindku Informat lil dawk preżenti li l-għaqda ta' San Ġużepp Ħaddiem talab l-għajnuna imma dawn kienu diġa ħarġu il poster mingħajr il-Logo tal-Kunsill. Hija talbet il-ħsibijiet tal kunsilliera. Is-sur Maurizio qal li meta waslet l-email kien diġa hareġ il-poster imma huwa qal li l-għaqda lesta li tirringrazzja lil Kunsill pubblikament.

Is-Sa Rosette staqsiet kemm ikun l-ammont fejn gie rispost ta madwar €500.

Is-Sur Antoine staqsa mil-liema fond joħorġu dawn id-donazzjonijiet fejn ġie rispost li kienu approvati fil-budjet

Is-sa Marie Claire żidet tgħid li tajjeb ikun hemm Cifra stabbiltà sabiex b'hekk igawdu l-għaqdiet kollha mhux min ha hafna u min le

Is-Sur Kaylocke qal li l-Kunsill għandu jghin lil għaqdiet kollha u skont l-esigenza

Wara diskussjoni bejn il-kunsilliera ġie maqbul li għandu jkun hemm SOP' sbiex il kunsill jiġi rikonoxxut kif suppost u li barra ringrazzjament fil knisja għandu jkun hemm ringrazzjament fil ktieb tal festa.

Kien hemm qbil bejn dawk preżenti biex tingħata l-għajnuna.

**20.4.4 Għajnuna Soċjeta Borgia**. Is-sindku infurmat lil dawk preżenti li s-Soċjetà Dun Filippu Borġia flimkien mal-Banda sinfonika nazzjonali ser jgħamlu kunċert u għal qed jitolbu lil kunsill

sabiex ikopru l-ispejjes li jammontaw bejn €7000 / €10,000. Dawn ikopru anki it training lil Bandisti. Is-Sur Kaylocke spjega li din l-attivita ser tkun ser issir l-għada ta Jum birkirkara fejn is-soltu issir l-aħħar Ħadd. Sa kemm din ma tiġix amalgamata mal -lattivita tghana ihoss li l-ispiża hi kbira. Is-sindku fakkret li fjum B'kara hemm l-agreement tal baned.
Ġie maqbul li Is-Soċjeta ghanda tipprovdi breakdown tal-cost u għalkemm il-kunsill ma jistax ikopri l-ispiża li talbu xorta ser ikunu qed jgħinu kif għamlu fis-snin ta qabel.
Din ser terġa tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

20.4.5. **Rail Way Foundation**. Is-sindku informat lil Dawk preżenti li ġiet avviċinata miR Railway foundation fejn dawn qalulha li f'Mejju Heritage Malta ser tkun qed tiċċelebra il jum Dinji tal-Mużewijiet . Railway Foundation ser torganizza attività Railway Experiance b'Kolaborazzjoni mal kunsill. Mhux ha jinvolvi spejjes.

20.4.6 **School Grannies.** Is-sindku informat lil Dawk preżenti lidan l-aħħar kienet qed taħdem fil viċin Mal Active ageing fejn qed jaħdmu biex jgħamlu proġett mal-anzjani sabiex jassistu fid-dħul u ħruġ mill-iskola. Il-kunsill ser jiġi rimborsat tal -ispejjes. Ser tinħareġ Espressjoni ta Interess biex anzjani japplikaw u wara interview sabiex tiġi evalwata l-eleġibilità tinħareġ roster u possibilment f'Mejju ivara il-proġett. Kien hemm tħassib f'kas ta' Inċident fejn ġie spjegat li l-board ser jara l-anzjani li japplikaw ikunu jifiħu jgħamlu dan ix-xogħol. Kien hemm qbil li ghandna niċċekjaw x'liabilities hemm.
Kien hemm Qbil bejn dawk preżenti

**20.5 Mistoqsijiet mill- Kunsilliera**

20.5.1. Is-Segretarju Eżekuttiv talbet li d-domandi għandhom jintbgħatu qabel peress li tkun trid tinġabar l-informazzjoni.
20.5.3 is-sindku ziedet tgħid li ċertu domandi bħall bozzoz u ħofor għanhom jgħaddu direttament l-uffiċju sabiex ma naħlux hin waqt il-laqgħa tal-kunsill fejn nistgħu niddiskutu punti aktar importanti.
Is-Sa Yana ilmentat li ma tiġix risposta jekk l-ilment ikunx sar jew le fejn ġie iċċarat li ser isir follow up mal-ħaddiema.

20.5.4 **Domandi Yana**

**Ġbir tal-Iskart – Żona Fleur-De-Lys u l-madwar**
Kwistjoni ta l-iskart hi f'idejn ir-reġjun u ser nikkomunikaw magħhom rigward il-ħin u l-ġbir.

**Dawl tat-Triq** (Fanal)
Dan ġie rappurtat

**Applikazzjonijiet għal Toroq Ġodda u Priorità**
Dan ix-xogħol f'idejn Infrastructure malta. Il-Kunsill ha ħsieb li jibgħat korrispondenza lil din l-entità. Dwan it-toroq qedin fil pjan ta Ħidma pero ma nafux meta ha jitlesta. Toroq fil lista, bhall Triq Borg, Triq Ven . Nazju falzon, Triq Whediet qedin parti mil pjan ta ħidma, Triq Ganu mhux qeda fil pjan imma ha jsiru l-bankini minn skema oħra u niċċekjaw biex naraw kif ha jingħata tarmak wara xogħol tal bankini. Tiq censu Costa U Domenico cachia dawn jaqaw taħt public works.

Ghall toroq ġodda is-sindku qalet li kull partit ghandu jħejji lista u nressquhom sabiex isiru.

**Sigurtà tal-Garage tal- binja tal-kunsill**
Il-Kunsill Installa sistema ta' Cameras li huma attivi. Rigward Barrier tal-garaxx din lesta ukoll qed nikkordinaw sabiex inlaqqaw l-entitajiet u naraw min ghandu access card biex ikunu jistgħu jidħlu

**Żona Swatar**
Xogħolijiet mill WSC lest u ż-Żebgha ta l-art sarret u tabelli ser jitwaħħlu dalwat.

Is-sur Alfed ikkumenta li sar yellow line kbir wisq u nħela parking

Proposta: **Kamera tas-Sigurtà** – Tinżamm mal-blokka tal-Gvern fi **Triq P. Borg Olivier** Is-sindku qalet apparti li ma taqbilx personalment hafna drabi dawn jiġu vandalizzati u tkun spiża għalxejn.

**Unloading Bay – Triq P. Borg Olivier**

Dawn Approvati Min Tm sinku saqsiet biex ticcara liem hi.

Is-sur alfred Qajjem punt fuq Parkeġġ quddiem stabbilment quddiem stabbiliment 2 spoons

**Sleeping Police** dawn once li triq tkun lesta jerġgħu isisru

**Triq it-Torri** Dawn kien sar xoghol madwar sentejn ilu u l-entità li hadmet baqghet ma għamlitx it-tarmak. Il-kunsill bgħat lil entita u ser jgħamel follow up.

**Curriers wied ta Birkirkara.** Dan il punt ghandu jiġi diskuss fil laqgħa li jmiss imma dawn diġa għamilnihom post u xorta ma juzawħx.

**20.4.6 Domandi Marie Claire**

Senjaletika (Zebgha) quddiem il-Knisja ta' Fleur de Lys

Din fadal xi xoghol xi jsir minn IM u ghalhekk ghadhom ma safux is sinjali. Ser niċċekjaw għaliex il kunplament tax-xoghol għadu mhux lest. Gradilja issir once li jitlesta ix-xogħol.

**Imenti li l-underpass ta' Triq Dun Karm**
Sindku ser tissorvelja l-iskeda ta tindif . Rigward ix-xoghol dan kien proġett li sar mil kunsill preċedenti u m'għandna xejn fuqu.

**Iaqgha mal-Storm Water Culvert**
Din it triq qeda fil pjan ta ħidma ma saritx ghax waqafa il kunsill habba il culverts. Kien hemm meeting bejn Im Enemalat U WSC sabiex jikkolaboraw u ssir f'daqqa sa issa ma kienx hemm risposta.
Is-sur Antoine semma li culverts Fleur de lys huma inblukkati bit tarmak. Ser niċċekjaw fuqhom.

**Bozoz Triq Grosseto**
Dawn hemm problema mal-Enemalta

**20.4.7 Domandi Antoine.**
**Il-paviment mkisser u perikoluz tal-bankini tal-Akwedott, Triq Notabile;**
Nafu bieh imma sfortunatament haddiema m'għandniex biżżejed biex inlaħqu ma l-ilmenti

**Bożża maqtuha Brighella Str mal-ħajt ta' St Monica School;**
Il-Haddiema hadet nota user tiċċekja mal kuntrattur sabiex issir tiswijja. Isir follow Up

**Vetturi Kummerċjali ipparkati fi FdL St Monica area,**
Is-sindku għaddiet numru ta enfocement team jew nirrapurtaw LESA jew puluzija.

**Il-Kawza tal-cables tal-Enemalta**
Dan kien sar protest Gudizzjarju kontra l-entitajiet u Informa lir-regp;atur tagħhom.

**Wiċċ tas-siment tal bankini fi FdL,**
Daħħal l-ilment

**Dawl taż-żebra crossings quddiem il-Knisja l-qadima,**
Hemm qed isiru xi xogholijiet ha niċċekjaw mal kuntrattur tad dawl.

**Għeruq ta' siġar taż-żebbuġ fuq traffic Island f' Old Church Street perikolużi ħafna.**
Siġar huma protetti ma tistax taqbad u taqla trid permess mill ERA. Ghandu jintbghat ritratt fejn tinsab din is-sigra.

**20.4.8** Qamet diskussjoni bejn dawk preżenti rigward monti. Din hija issue taħraq u tajjeb li tiġi diskussa l-issue wara li jitlesta xogħol mill enemalta Kollox pass pass. Is-sur Alfred talab kunsiderazzjoni li triq Santu rokku tigi bil kontra.

**20.7 Sejħiet għall-Offerti.**

**20.7.1 Perit.** Perjodu ta appel għalaq biex jiġi iffirmat il kuntratt. Kuntratti li għadhom fis-sehh mil-perit lieħor għandħom jitlestew.

**20.7.2 Soft Areas .** Tender infetħet u kien hemm xi kjarifiki.

**20.7.3 Servizz ta Handyman.** Applkazzjoni miftuħa

**20.7.4 Tabelli u Sinjali** Tender Ħa jiskadi u qed naħdmu biex johroġ tender

**20.7.5 Għamara Tat Toroq** Tender ħa jiskadi u qed naħdmu biex joħroġ tender.

**20.8 Ħatra ta Bordijiet**

**20.8.1** Board Għall School grannies ser ikun kompost Dep. Segretarju Sindku u AACC

20.8.2 Board Għall impjegati postijiet Vakanti. Board kompost minn Nies indipendenti sabiex ikun Inparzjali. Chair person Is-Sur Duncan Hall. Segretarju Eżekuttiv Sa Tiffany Abela u Segretarju Eżekuttiv Is-Sur Fabian Mizzi.

Kien hemm qbil Bejn dawk preżenti.

**20.9 Pubblikazzjonijiet**

**20.9.1** Gew peżentati Qutazzjonijiet għat talba ta printing tal-ktieb Muża karkariża nu.4 Kien hemm qbil li mexxu fuq l-irħas Quotazzjoni.

**20.9.2** Rigward il pubblikazzjoni ta Queensland għad m'ghandniex il quotazzjonijiet u ser tiġi diskussa darboħra. Ħa nibqgħu ninsistu li ir-rights ikunu tagħna.

**20.10 Sprall**

**20.10.1**. Dan kien budjeted għall din is-sena u għandna inġibu esperti sabiex jissewa u ma jerġax jinkiser. Inġibu updated BOQ's

**20.11 Rapporti**

**20.11.1** Ma kien hemm Xejn

**20.12 Approvazzjoni ta' skedi ta' ħlasijiet**

20.12.1 Wara li s-sindku talbet kienx hemm kummenti fuq l-iskeda ta pagementi Is-Sa Jade approvat u is-Sur Maurizio ssekonda l-iskeda tal-ħlas ta pagamenti. Giet approvata bejn dawk preżenti.

20.12.2 Wara li s-sindku talbet kienx hemm kummenti fuq l-iskeda tal petty cash is-Sur Luke approva u Is-sa Marie Claire issekondat l-iskeda tal-petty cash. Giet approvata bejn dawk Preżenti

**20.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**20.13.1** Il-Laqgħa ġiet fi tmiema fis-18.35 wara li ġiet eżawrita l-aġenda u giet aġġornata għall Nhar it-tlieta 22 t' April 2025 fil-5pm .

Iffirmati illum:

Sindku
Desirei Grech

Deputat Segretarju Eżekuttiv
Christine Jo Mansueto